**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 2 ta' April 2020.**

**Rikors nru: 16/2020 AGV**

**AB (ID nru : 316879 M )**
**Vs**
**CD(ID nru: 88184 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **AB, datat 14 ta' Jannar 2020,** fejn ppermetta u talab is-segwenti;

1. Illi huwa izzewweg lil CD, fil- 15 ta ' Dicembru 2013, fid-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieha, Mellieha liema zwieg gie registrat fir-registru pubbliku ta' Malta, bin-numru 3201/2013, u dan kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;
2. Illi l-kontendenti partijiet xoljew u likwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u efftwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta'

seperazzjoni li kien gie pubblikat minn Dr. Annalisa Caruana fis- 16 ta' Marzu 2017, kopja fotostatika qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok B;

3. Illi r-rikorrenti kien irrinuznja mid-dritt li jitlob li jottjeni manteniment minghand martu filwaqt li l-intimata kienet iddekadiet mid-dritt li titlob u tottjeni manteniment minghand zewgha;
4. Illi mill-imsemmi zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal ;
5. Illi r-rikorrenti iddiskuta mal-konsulent legali tieghu, hawn sottofirmata il-possibilita' ta rikonciljazzjoni taz-zwieg odjern, u kkonkluda li ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni;
6. Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Jannar 2016, illum il-gurnata ghaddew izjed minn 4 snin mid-data tas-seperazzjoni de facto tal-partijiet;
7. Illi in vista ta' dak premess, jikkokorru l-kriterji kollha rikjesti mil-Ligi ghal hall taz-zwieg odjern u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti AB jitlob bir-rispett lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tiddikjara iz-zwieg odjern mahlul u sussegwentament tipronunzja li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-Ligi;
b. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku, bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex jigi debitament registrat fir-registru pubbliku.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata ta' CD** datata 28 ta' Frar 2020 fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat dan li gej ;

1.Illi l-esponenti tiddikjara li huwa minnu li l-partijiet izzewwgu nhar il-15 ta' Dicembru 2013 fis-santawarju tal-Madonna tal-Mellieha, kif jirrizulta mic-certifkat anness mar-rikors promutur;

2.Illi huwa minnu li l-partijiet ilhom izjed minn 4 snin separate de facto stante li ilhom separati de facto, minn Jannar 2016 ( kif jirrizulta minn klawsola numru 24 tal-kuntratt ta' separazzjoni taghhom fl-atti tan-Nutar Dr .Annalisa Caruana), u legalment separati permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Marzu 2017, fl-atti tal-istess Nutar Dr Annalisa Caruana ( Dok B anness mar-rikors promutur);

3.Illi l-esponenti taqbel ukoll li minn daz-zwieg ma kellhomx tfal ;

4.Illi l-esponenti tiddikjara u taqbel ukoll li ma hemm ebda kwisjtoni ta' mantniment lejn xulxin stante li r-rikorrent irrinunzja ghad-dritt ta' manteniment tieghu filwaqt li l-esponenti ddekadiet mid-dritt ta' manteniment u dan kif jirrizulta ahjar minn klawzola numru 2 u tlieta rispettivament tal-istess kuntratt ta' separazzjoni;

5.Illi l-esponenti tiddikjara li ma hemm ebda possiblita' ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

6.Illi ghal kull buon fini tiddikjara ukoll li ma ghandha ebda oggezzjoni ghal tali talba tad-divorju ta' Shaun Camilleri hekk kif dedotta stante li r-rekwiziti kontemplati fil-Ligi ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti.

**IKKUNSIDRAT;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**